MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 92/2003

**Carmel Mercieca**

**vs**

**Kevin Zammit**
**Saviour sive Sunny Chetcuti**
**IAS Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-attur tqabbad jaghmel xoghol ta' mastrudaxxa mill-konvenuti Zammit u Chetcuti fuq proprjeta' illi huma kellhom ghall-bejgh fi Triq Kortoll, Xaghra, Ghawdex, u effettivament wettaq ix-xoghol kollu miftiehem u anke xoghol iehor illi inqala mal-kors tax-xoghol. Illi l-esponenti inoltre inghata struzzjonijiet sabiex jixtri l-oggetti ancillari ghal dan ix-xoghol minghand id-ditta IAS Limited peress illi din tappartjeni lill-konvenuti, bl-intiza illi l-prezz ta' dak

il-materjal kellu jithallas direttament mill-konvenuti lid-ditta u ghalhekk kellu jitnaqqas mill-prezz tax-xoghol kif pattwit. Effettivament il-prezz tax-xoghol ezewgwit mill-attur intela ghal Lm2705; minn liema il-konvenuti hallsu Lm500 akkont; iddelegtaw lil certu Ganni Fenech sabiex ihallas Lm450 ohra akkont, kif fil-fatt sar; u mill-bilanc l-ammont ta' Lm467 jirraprezenta il-prezz ta' materjal li inxtara minghand IAS Limited u ghalhekk kellu jitnaqqas mill-prezz b'dan illi tkun ir-responsabbilita' tal-konvenuti illi jissaldaw dan l-ammont ma' IAS Limited. Illi ghalhekk fadal bilanc dovut lill-attur ta' Lm1288. Illi d-ditta IAS Limited qeghda tigi inkluza f'dan il-gudizzju ghall-integrita' tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, dana t-Tribunal qieghed jigi mitlub sabiex jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf mitejn u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm1288).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 5 ta' Awissu 2003."

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 t'Ottubru 2003 li fiha l-attur ceda l-mertu tal-kawza billi thallas izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez.

Ra n-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li l-konvenuti debitament notifikati ma pprezentawx risposta; ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2003 f'liema seduta l-kapitoli gewipprezentati mill-attur, issigillati mir-Registratur u approvati mit-Tribunal; u l-anqas dehru fis-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni u dan minghajr ma giebu ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezunta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici limitatament ghall-kap tal-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-5 t’Awwissu 2003 kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------